MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 1470/1997/1

**Avviz numru 1470/1997DM**

**Mario Cutajar fil-kwalita' tieghu ta' Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta Cutajar (installations) Limited**

**Vs**

**Paul u Pauline konjugi Debono**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur noe talab il-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma dovuta ta' tlett mija u erbghin lira Maltija (Lm340) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' "Air Conditioning Unit" lilhom mibjugh u kkonsenjat fil-11 ta' Lulju 1996, kif jidher mill-kopja tal-kuntratt mall-avviz unita u mmarkata Dok "A".

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-25 t'April 1997 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-oggett mibjugh konta l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1 It-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas ta' tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm340) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' "Air Conditioning Unit" ghandha tigi respinta u dan peress illi l-"Air Conditioning Unit" lilhom mibjugh u konsenjat fil-11 ta' Lulju 1996 huwa difettuz u mhux ta' kwalita' pattwita kif se jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza;

2 Salv eccezzjonijiet ohra u bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Rat id-digriet ta' 12 ta' Dicembru 1997, fejn gie nominat bhal espert tekniku Alfred Camenzuli.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Marzu 2001, fejn Peter Bonello gie nominat bhala espert tekniku biex jissostitwixxi lil Alfred Camenzuli.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fil-4 ta' Frar 2004;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi in kontestazzjoni tat-talba attrici ghall-bilanc ta' prezz ta' 'air conditioner' minnhom mibjugh u kkonsenjat, il-

konvenuti allegaw illi m'ghandhomx ikunu tenuti illi jhallsu dan il-bilanc ta' prezz peress illi l-apparat mibjugh kien difettuz u ghalhekk mhux tal-kwalita' patwita.

Evidentement, nonostante il-ftehim dwar il-bejgh, jekk il-venditur jikkonsenja lill-kompratur oggett differenti minn dak pattwit, jew ghax ikun ta' ghamla differenti, jew ghax ma jkunx jiffunzjona kif ikun mistenni, allura l-kumpratur ma jkunx iktar tenut illi jhallas il-prezz pattwit ghall-oggett difettuz li jkun gie kkonsenjat.

Ghaldaqstant il-Qorti nnominat bhala espert tekniku lil Peter Bonello li fid-deposizzjoni tieghu tal-24 ta' Marzu, 2004, in konferma tar-relazzjoni minnu pprezentata xehed illi "Stajt nikkonstata illi dan il-'unit' ma kienx qed jiffunzjona kif suppost. Kien qed jahdem biss ta' 'fan' normali billi ma kienx qieghed ikessah l-arja."

Infatti mid-deposizzjonijiet tax-xhieda kif anke kkonkluda l-perit tekniku jirrizulta illi dan il-'unit' kien difettuz sa mill-bidu nett li kien gie kkonsenjat, u ghalhekk anke fiz-zmien li kien ghadu taht il-garanzija.

Ghaldaqstant issib illi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-mertu hija gustifikata u konsegwentement qieghda tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------